MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 737/2005

**Anglu Xerri Limited**

**Vs**

**Kevin Abela**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici biegh lill-konvenut diversi prodotti tal-ikel meta huwa kien jopera l-catering fil-kumpless St George’s Park Lido, Dragonara Road, St Julians minn Gunju tas-sena 2004 sal-ewwel gimgha ta’ Awissu ta’ din is-sena;

Illi ghal dan il-bejgh ta’ prodotti tal-ikel is-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm 28, 232.43c) u dan kif jirrizulta mill-anness prospett mmarkat Dok A;

Illi l-konvenut minkejja interpellat diversi drabi mis-socjeta` attrici baqa’ indamepjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jgib;

Illi ghalhekk jezistu cirkostanzi kif kontemplati ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti;

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premess il-ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai fini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmienja u ghoxrin elf mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm 28, 232.43c) dovut kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tac-citazzjoni nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1286/05, kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ukoll l-affidavit mahluf minn Mario Xerri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, l-konvenuta ma wrietx, imqar prima facie, illi ghandha eccezzjonijiet x’taghti.

Billi ghalhekk l-artt. 167 et seqq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------